MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## PACE RAYMOND C.

Seduta ta' 01 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 1594/2001/1

**Marcello Basile-Fasolo maghruf bhala Marcello Basile Cherubino**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku jew ir-rapprezentant debitament awtorizzat tieghu.**

**Il-Qorti,**
**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 2 u 3 fejn gie premess:-

Illi l-attur twieled f'Pisa, l-Italja fid-dsatax (19) ta' Awissu ta' l-elf disa' mija tmienja u erbghin (1948) minn geniturl Taljani bl-ismjiet Domenico Basile-Fasolo u Marcella nee' Cherubino:

Illi fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' April ta' l-elf disa' mija sebgha u sebghin (1977) l-attur izzewweg lil Joan Miller kif jirrizulta minn estratt veru mill-att taz-zwieg bin-numru

seba' mija tlieta u hamsin (753) tas-sena 1977 (753/1977), "DOK A", mizmuma fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, l-Belt, Valletta u b'hekk sar cittadin Malti ghall-effetti kollha tal-Iigi.

Illi minn estratt veru mir-registrazzjoni bin-numru hames mija u wiehed (501) tas-sena 1983 (501/1983), "DOK B", ta' l-Istat Civili dwar Atti tat-twelid u r-Registru ta' Persuni Adottati mizmuma fl-Ufficcju tar-Registru Pubbliku, l-Belt, Valletta fil-kolonna "Isem u kunjom u post tat-twelid tal-missier", jirrikorri l-kunjom ta' "Basile-Fasolo";

Illi kontinwament matul hajtu, l-attur kien u ghadu maghruf fis-socjeta' bil-kunjom ta' Basile Cherubino biss u dan kif jirrizulta, *inter alia*, minn dokumenti ezibiti u cjoe' "Dok C" li hija kopja fotostatika tac-certifikat ta' registrazzjoni tas-sigurta` socjali mahrug mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali; "DOK D, E u F" li huma kopji fotostatici tal-faccata ta' ittri mibghuta lill-attur mid-Dipartimcnt tat-Taxxi Nterni, mis-socjeta' pubblika Maltacom p.l.c. u mis-socjeta' Elmo Insurance Agency Ltd. rispettivament fejn kunjom l-attur jidher bhala Basile Cherubino, "Dok G" li hija kopja ta' dokument mahrug mill-fergha tal-"Card Products" ta' l-HSBC Bank (Malta) p.l.c., "Dok H" Ii hija kopja ta' nota ta' iskrizzjoni fir-Registru Pubbliku ta' kuntratt ta' bejgh redatt fl-atti tan-Nutar Tonio Spiteri li kien sar fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Awissu tas-sena 1994 Ii juri kunjom l-attur bhala Basile Cherubino, "Dok I", Ii hija kopja ta' rcevuta mahruga mid-Dipartiment tat-Taxxi Interni li juri li kunjom l-attur huwa Basile Cherubino ,"Dok J", li hija fattura mahruga mill-Awtorita' Marittima lill-attur li wkoll juri l-kunjom Basile Cherubino, "Dok K" li hija kopja ta' stedina mill-President ta' Malta u martu lill-attur u martu Ii fuqu jidher car kunjom l-attur bhala Basile Cherubino, "Dok L" Ii hija kopja fotostatika ta' "membership card" tal-Kamra tal-Kummerc f' Malta tas-sena elfejn (2000) u "Dok M" li hija kopja fotostatika ta' "Complimentary Card" ghall-Malta Trade Fairs Corporation ghas-sena elfejn (2000).

Illi l-attur ghandu interess li kemm fl-att tat-twelid tieghu, fl-att taz-zwieg tieghu kif ukoll fid-dokumenti ufficjali kollha l-ohra Ii juru l-istat Civili tieghu mizmuma fl-Ufficcju tar-

Registru Pubbliku, l-Belt, Valletta, inkluzi l-atti tat-twelid tat-tfal tieghu, ikun hemm imnizzel il-kunjom ta' "Basile Cherubino" u mhux "Basile Fasolo" jew "Basile-Fasolo" jew "Basile" *stante* li "Basile Cherubino" huwa l-isem li dejjem kien maghruf bih;
Illi wkoll li dan il-fatt qed jikkagunalu pregudizzju kbir f'aktar minn aspett wiehed tal-hajja socjali tieghu u fin-negozju tieghu;

Illi l-istess attur talab lil din il-Qorti sabiex:

1. Tordna l-korrezzjoni ta' l-att ta' twelid bin-numru hames mija u wiehed (501) tas-sena 1983 (501/1983), "Dok B", billi fejn jirrikorri l-kunjom ta' "Basile-Fasolo" dan jigi kkancellat u jiddahhal il-kunjom "Basile Cherubuno", u/jew tigi ordnata minn din l-Onorevoli Qorti l-ammentazzjoni fil-margini tal-imsemmi att/atti illi l-attur hu maghruf bil-kunjom Basile-Cherubino.

2) Tordna l-korrezzjoni ta' l-imsemmi att taz-zwieg bin-numru seba' mija tlieta li hamsin (753) tas-sena 1977 (753/1977), "Dok A", billi fejn jirrikorri l-kunjom ta' "Basile Fasolo" dan jigi kkancellat u jiddahhal il-kunjom "Basile Cherubino", u/jew tigi ordnata minn din l-Onorevoli Qorti l-ammentazzjoni fil-margini tal-imsemmi att/atti illi l-attur hu maghruf bil-kunjom Basile-Cherubino.

3) Tordna l-korrezzjoni ta' l-atti ta' twelid bin-numru elf sitt mija tnejn u sebghin (1672) tas-sena 1984 (1672/1984) tat-tifel minuri tieghu Edward "Dok N" u dak bin-numru elf sitt mija tlieta u sebghin (1673) tas-sena 1984 (1673/1984) tat-tifel minuri tieghu Francis "Dok O" billi fejn jirrikorri l-kunjom ta' "Basile" dan jigi kkancellat u jiddahhal il-kunjom "Basile Cherubino", u/jew tigi ordnata minn din l-Onorevoli Qorti l-ammentazzjoni fil-margini tal-imsemmi att/atti illi l-attur hu maghruf bil-kunjom Basile-Cherubino.

4. Taghti dawk il-provvedimenti kollha opportuni sabiex f'kull att iehor fejn l-isem ta' l-attur jkun indikat bhala "Marcello Basile", "Marcello Basile-Fasolo" jew "Marcello Basile Fasolo", inkluzi l-att tat-twelid bin-numru elf mija disgha u sebghin (1179) tas-sena 1978 (1179/1978) tat-

tifel tieghu David “Dok P” u l-att tat-twelid bin-numru elf mija tlieta u ghoxrin (1123) tas-sena 1982 (1123/1982) tat-tifla tieghu Luisa (“Dok Q”) dana ghandu jigi formalment ikkorregut u sostitwit bl-isem ta’ “Marcello Basile Cherubino”, u/jew tigi ordnata minn din l-Onorevoli Qorti l-ammentazzjoni fil-margini tal-imsemmi att/atti illi l-attur hu maghruf bil-kunjom Basile-Cherubino.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut jew ir-rapprezentant debitament awtorizzat tieghu, li minn issa jibqa’ ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista ta’ xhieda u d-dokumenti esebiti a fol. 4 sa 21 tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku tal-15 ta’ Marzu 2002 a fol. 31 fejn gie eccepit:

1. Illi fil-fatt l-attur irid ibiddel parti minn kunjomu u mhux ismu u ghalhekk it-talba hija inammissibbli fit-termini tal-Artikolu 253(2) tal-Kap 16;

2. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, fil-mertu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda ghar-ragunijiet segwenti:

3. Illi l-Artikolu 4 (3) tal-Kap 16 jispecifika li l-ulied fiz-zwieg ghandhom jassumu kunjom missierhom, li warajh jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom, u ghalhekk kunjom l-attur ghandu jibqa’ Basile-Fasolo intierament bhala kunjom missieru u mieghu *se mai* jista’ jzid Cherubino (kunjom xbubit ommu), izda zgur mhux permess mill-ligi li l-attur jelimina parti minn kunjom missieru;

4. Illi *di piu’* ma hemm xejn zbaljat fl-atti ta’ status civili msemmija mill-attur *stante* li dawn jikkostitwixxu verbal korrett tal-istat ta’ fatt vigenti fid-data tat-twelid u ghalhekk fi kwalunkwe kaz lanqas ma hemm lok ghal azzjoni ghall-korrezzjoni bazata fuq l-izball;

5. Illi l-esponent m'ghandux ibaghti spejjez;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tad-Diretturu tar-Registru Pubbliku a fol. 32 tal-process.

Rat il-verbal tal-20 ta' Marzu 2002 fejn il-kawza giet differita ghan-notifika tal-attur bil-mozzjoni tal-appuntament tal-kawza ghall-11 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal tal-11 ta' Gunju 2002 fejn Dr Naudi talab li ssir korrezzjoni fejn wara kull talba fic-citazzjoni jizdiedu s-segwenti kliem: "*u/jew tigi ordnata minn din l-Onorevoli Qorti l-ammentazzjoni fil-margini tal-imsemmi att/atti illi l-attur hu maghruf bil-kunjom Basile-Cherubino".* Il-Qorti laqghet it-talba u ddifferiet il-kawza ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-26 ta' Gunju 2002.

Rat il-verbal tas-26 ta' Gunju 2002 fejn xehdu Dr Adrian Delia, Peter Vella De Fremaux, Dr Nicole Vella De Fremaux, Christopher Baldacchino u l-attur u Dr Naudi ddikjara li m'ghandux provi aktar. Il-kawza giet differita ghas-sentenze ghall-1 t'Ottubru 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. IL-MERTU TAL-KAWZA.

Illi din il-kawza titratta dwar talba ghall-korrezzjoni fic-Certifikat tat-Twelid ta' l-attur numru 501/1983 *stante* li l-attur qed jallega li fil-fatt hu kien dejjem maghruf bil-kunjom "Basile Cherubino" u mhux "Basile-Fasolo" kif indikat fl-istess Certifikat.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur uza' l-kunjom "Basile Cherubino" u dan anke fic-Certifikat ta' Registrazzjoni tas-Sigurta Socjali (Dok 'C') fir-ricevuti (Dok 'H') mal-banek

(Dok 'G') u min-diversi dokumenti ohra annessi mac-citazzjoni attrici, apparti x-xhieda prodotti.

Illi huwa sinifikattiv f'din il-kawza li dak li l-attur qed jitlob biex ibiddel f'din il-kawza huwa l-kunjom tieghu li jinsab registrat bhala "Basile-Fasolo" – u dan kif jirrizulta mic-certifikat tat-Twelid tieghu Reg Nru 501/83 esebit bhala Dok "B" a fol 6 tal-process.

Illi dan qed jinghad stante li missier l-attur indikat bhala "Missier it-tarbija", fl-istess certifikat huwa mnizzel bl-isem ta' "Domenico Basile-Fasolo" u huwa ghalhekk li l-kunjom tal-attur gie ndikat bhala "Basile-Fasolo" kemm fl-att tat-Twelid, kif ukoll fl-att taz-Zwieg tieghu Nru 753/1977 Dok "A" a fol 5 tal-process.

Ilil dan jidher li sar skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 (3) tal-Kap 16** li jipprovdi li:

"*Ulied iz-zwieg jiehdu kunjom missierhom, li warajh jistghu jzidu kunjom xbubit ommhom".*

Illi in verita t-talba odjerna qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253 tal-Kap 16**, li jirreferi ghall-talba gudizzjarja sabiex isir bdil fl-isem jew ismijiet tal-attur u mhux fuq kunjom, izda *ai fini* ta' din il-kawza din il-Qorti tirreferi ghal dak li intqal fis-sentenza fl-ismijiet **"Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (JAF) 1 ta' Frar 2001) fejn inghad:

*"Wara li kkunsidrat l-imsemmija sottomissjonijiet il-Qorti hija tal-fehma li t-terminu "isem" fl-**artiklu 253 tal-Kap 12** – ghalkemm lingwistikament huwa munnu li jista' wkoll jikkomprendi fih il-kunjom ta' persuna` - kien u hu kunjom jew "surname". Fil-lingwa Franciza, bhala f'ilsna ohra, tinzamm differenza aktar netta bejn dak li jissejjah "pernom" minn dak li hu "nom de famille". Hu veru li fl-imsemmi artiklu hemm imsemmi wkoll li kull korrezzjoni tapplika wkoll ghal "dixxendenti ulterjuri", pero` din hija "lapsus", oppure kopertura tal-possibilita` li kemm-il darba isem ta' axxendenti jkun inbidel minn, per ezempju, "Paul" ghal "Joseph", tali korrezzjoni, talvolta milqugha, trid tibqa'*

*tigi annontata. Pero` mid-dibattiti parlamentari jemergi li "ratio legis" kien dak biss li jaghmilha possibbli li f'kazi idoneji l-isem (il-"first name" jew "prenom") ikun jista' jigi mibdul – imma mhux il-kunjom, ammenoke` ma jkunx hemm zball.*

*Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inkluzjoni ta' kunjom genitur imma* *__qatt__* *ma accettaw bdil jew zieda ta' kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien. Il-kunjomijiet "Magro" u "Magri", imsemmijin mill-attur fil-kawza citata minnu, dejjem gew meqjusa bhala differenti minn xulxin. Ghalhekk jekk xi hadd ikun gie mnizzel bhala "Magro" minflok "Magri", jew vice-versa, ikun jammonta ghal zball u bhala tali jkun soggett ghall-korrezzjoni jekk l-izball jigi ppruvat."*

Illi ghalhekk abbazi ta' dawn l-insenjamenti jirrizulta li applikati l-principji *de quo* ghall-kaz odjern, li fl-ewwel lok il-kunjom tal-attur tnizzel korrettament fl-atti kollha citati minnu indikati bhala "Basile-Fasolo", u dan skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 (3) tal-Kap 16**, u ghalkemm huwa jidher li qed juza' l-kunjom Basile Cherubino, dan ma jfissirx li tali korrezzjoni mitluba ghandha tigi milqugha, stante li ma jirrizultax li kien hemm zball fir-registrazzjoni tal-kunjom tal-attur.

Illi ghalhekk it-talba tal-attur tinvolvi verament talba ghall-bdil tal-kunjom tieghu, li ma hijiex permessa mill-ligi, la darba jirrizulta li fid-data tat-twelid tieghu ir-Registrazzjoni tal-kunjom tieghu saret skond il-ligi u huwa ha naturalment il-kunjom tal-missier indikat fl-att tat-twelid tieghu relattiv, u dan huwa wkoll ikkonfermat fuq dak li inghad fis-sentenza "**Karmnu Balzan Mqareb vs Margaret Mortimer noe et"** (AC 29 ta' Novembru 1971) li ghaliha qed issir referenza.

Illi fil-fatt fic-citazzjoni attrici ghalkemm jinghad li l-attur dejjem uza kunjom li huwa qed jitlob li jadotta ufficjalment, qatt ma qal jew sostna li l-kunjom indikat fic-certifikat tat-Twelid taz-Zwieg tieghu huwa zbaljat, pero` biss li dan ma huwiex konformi mal-kunjom minnu uzat. Illi ovvjament

dan ma huwiex bizzejjed, fl-istat tal-ligi vigenti, sabiex it-talba tieghu tigi milqugha, stante li ma giex ippruvat li sar zball fir-registrazzjoni ta' kunjom l-attur, u *di piu`* ma huwiex permess li persuna "*taddotta morte proprio dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni tas-socjeta` …"* - ("**Joseph Cutajar vs Dr J Scicluna noe"** Qorti tal-Appell – 14 ta' Frar 1947.

Illi relattivament ghas-sentenzi citati mill-attur fir-rikors tieghu tal-20 ta' Settembru 2002 fl-ismijiet: "**Bertram Padovani Ginies maghruf bhala Bertram Padovani vs Direttur tar-Registru Pubbliku**"; is-sentenza datata 31 ta' Ottubru 1930 fl-ismijiet "**Michele Mc Lean gia' Abdillah vs Notaro Salvatore Cremona noe. Et**"; is-sentenza datata 20 ta' Jannar 1986 fl-ismijiet "**Dr. Mario Rizzo maghruf bhala Dr. Mario Rizzo Naudi M.D. vs Direttur tar-Registru Pubbliku**"; is-sentenza datata 2 ta' Marzu 1994 fl-ismijiet "**John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku**" u s-sentenza datata 9 ta' Otturbu 1998 fl-ismijiet "**Mandy Lowrey vs Direttur tar-Registru Pubbliku**", dawn is-sentenzi ma jbiddlu xejn mir-risultanzi fuq indikati stante li fl-ebda kawza hawn citata ma jirrizulta li sar tibdil tal-kunjom meta dan mhux konformi mal-ligi, fil-fatt mill-istess sentenzi jsegwi l-principju li talba ghall-korrezzjoni ta' kunjom tigi milqugha biss jekk jirrizulta li sar zball fir-registrazzjoni ta' tali kunjom u li l-kunjom li jkun qed jigi mitlub li l-attur ikun ser jaddotta ghaliex maghruf bih ikun konformi mal-provizzjonijiet legali.

Illi f'dan il-kaz jidher car li l-attur huwa bin Domenico Basile-Fasolo u Marcella Cherubino. Skond l-**artikolu 4 (3) tal-Kap 16** l-attur ghandu jiehu l-kunjom ta' missieru u ghalhekk korrettament gie registrat bhala Marcello Basile-Fasolo. Illi skond il-ligi l-aktar li seta' jaghmel l-attur kien li jitlob li jzid mal-kunjom li ha minghand missieru il-kunjom ta' xebba ta' ommu, cioe` Cherubino, u ghalhekk seta' talab li jigi msejjah bil-kunjom "Basile-Fasolo Cherubino".

Illi *invece* t-talba attrici mhix f'dan is-sens izda li jigu mnehhija l-kliem "-Fasolo" u sostitwit bil-kunjom "Cherubino", b'dan li l-kunjom tal-attur jiehu parti mill-

kunjom ta’ missieru (Basile) u jzid mieghu l-kunjom ta’ xebba t’ommu, cioe` Cherubino, b’dan li l-kunjom kollu jigi jaqra “Basile Cherubino”.

Illi kif sew osserva l-konvenut fit-tielet eccezzjoni tieghu dan ma huwa bl-ebda mod permess mill-ligi taghna, anzi tali talba tmur kontra d-disposizzjonijiet tal-**artikolu 4 (3) tal-Kap 16** fuq citat.

Illi ghalhekk ghar-ragunijiet premessi, t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi**, billi filwaqt li **tilqa’ l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tichad it-talbiet attrici** stante li huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**1 ta’ Ottubru 2002**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**1 ta’ Ottubru 2002**